04/2026

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

12 TA' ĠUNJU 2026

## IL-KAMRA TAL-PERITI ISSIR MEMBRU TA' THE EUROPEAN GROUP OF VALUERS' ASSOCIATION (TEGOVA)

Il-Kamra tal-Periti tħabbar bi pjaċir li l-applikazzjoni tagħha biex issir membru sħiħ tat-The European Group of Valuers' Associations (TEGOVA) ġiet aċċettata, u b'hekk twettqet ambizzjoni li l-Kamra ilha tħaddan sa mill-2011.

Dan il-kisba tikkonferma r-rwol tal-professjoni bħala apprezzaturi tal-proprjetà f'Malta - rwol li ilu jiġi rikonoxxut lilha legalment sa mill-inqas mis-seklu 18. Tfisser ukoll li l-Kamra u l-membri tagħha se jiksbu għarfien akbar dwar, u rwol attiv fl-iżvilupp ta', wieħed mill-aktar settijiet ta' standards ta' valutazzjoni rikonoxxuti u rispettati fuq livell dinji.

Din l-isħubija tirrappreżenta pass importanti fl-istrateġija tal-Kamra biex titjieb il-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-proprjetà li jsiru lokalment u biex jissaħħaħ il-professjonaliżmu fis-settur.

Il-pass li jmiss ser ikun it-twaqqif ta' Kapitlu tal-Valutaturi tal-Proprjetà fi ħdan il-Kamra tal-Periti, li jagħti rikonoxximent lil dawk il-membri tal-professjoni li għandhom il-ħiliet speċjalizzati meħtieġa biex japprezzaw il-proprjetà.

Din l-inizjattiva tibni fuq l-isforzi paralleli sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-Aġenzija ta' Malta għat-Taxxa u d-Dwana, mal-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet bħall-Malta Bankers' Association, l-Insurance Association Malta, Property Malta, u l-Malta Development Association, biex jiġi żgurat li l-membri tal-Kamra jkomplu jipprovdu valutazzjonijiet affidabbli u validi li huma kruċjali għas-swieq tal-proprjetà immobbli u finanzjarji.

**TMIEM**

52, Triq San Pawl
Valletta VLT 1212
Malta

t. +356 21314265
e. info@kamratalperiti.org
w. kamratalperiti.org

Kamra tal-Periti